MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 1676/2004/1

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Maria Schembri sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Maria Schembri**

**vs**

**Keith Borg**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Marzu, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u zewg liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm902.22) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-20 ta' Gunju, 2003, f'Hal Qormi, bejn il-vettura bin-numru GMY-075 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru HSR-622

misjuqa minn Helenia Schembri u proprjeta` ta' l-assikurata tas-socjeta` attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza "comprehensive" mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura tal-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) bhala excess imhallsa mill-assikurata tas-socjeta` attrici, Maria Schembri, li kienet assikurata taht polza "comprehensive" mas-socjeta` attrici, kif ukoll sitta u sebghin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm76.75) ghall-loss of use.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz, u bl-imghax pagabbli mit-8 ta' Marzu, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-8 ta' Novembru, 2004, fejn intqal illi:

i. Il-konvenut ammetta t-tort fl-incident in kwistjoni u ghalhekk m'ghandux ibati l-ispejjez tal-prezenti.

ii. Illi l-ammont mitlub fl-avviz huwa ferm esagerat ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda.

iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta' Helenia Schembri, John Callus, Keith Borg, Alfred Gatt. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. F'dan il-kaz hemm tlett punti x'jigu determinati. Fl-ewwel lok wiehed irid jara jekk fil-fatt kienx necessarju li jitnizzel isem Helenia Schembri, meta d-danni attwalment sofriethom l-attrici u s-socjeta` assguratrici.

2. Dwar dan l-ewwel punt it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni « Alfred Zammit Cutajar noe vs Joseph Formosa et » Vol.XLV.I.253 fejn intqal : « Meta kumpanija ta' l-assikurazzjoni thallas lis-sid ta' karrozza d-

danni li din tkun sofriet f'kollizzjoni, hija tigi surrogata fid-drittijiet ta' sid il-karrozza li kien assikurat maghha u li gie dannegjat fil-karrozza teighu. U jekk dik il-kumpanija tesperixxi dawn id-drittijiet taghha kontra d-driver tal-karrozza l-ohra, ghax irriteniet li dan kien l-uniku responsabbli ghall-kollizzjoni, minghajr ma tharrek ukoll lid-driver tal-karrozza assikuarata maghha, b'daqshekk me hemm ebda lezjoni ghall-integrita` tal-gudizzju….. »

3. Ghalhekk ma hemm ebda nuqqas ta' integrita tal-gudizzju, kif donna qed tissuggerixxi d-difensur tal-konvenut.

4. Fit-tieni lok hemm il-punt ta' responsabilita` ghall-incident li sehh. Dwar dan, li l-konvenut jammetti li kien responsabbli ghall-kollizzjoni.

5. Ghalhekk jibqa' biss li jigi indagat jekk id-danni reklamati kienux tassew esagerati kif qed jikkontendi il-konvenut. Mill-provi jirrizulta li l-attrici sofroiet danni fuq il-bumper ta' wara u l-gem ta' wara fuq in-naha tax-xellug. Mis-survey report Dok.GMI 2, jirrizultaw id-danni li kellha. L-ammonti mhallsa jirrizultaw mid-Dok.GMI/5 sa GMI/8, konfermati minn Alfred Gatt li sewwa l-vettura. Jigi rilevat li skond is-surveyor John Callus, r-« rear left hand mudguard » kellu jigi rimpjazzat kif ukoll il-faccata ta' wara. Ir-ritratti Dok.R1 sa R4 juru l-hsarat. Apparti minn dan kien hemm ukoll kiri ta' karrozza fl-ammont ta' wiehed u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75) Dok.GMI/3 u GMI/4.

6. It-Tribunal ma jsibx accettabbli bl-ebda mod il-versjoni li qed jaghti l-konvenut meta dan jghid li hu semplicement strah mal-karrozza l-ohra, ghaliex jirrizulta li kien hemm impatt qawwi.

7. Ghalhekk jirrizulta ampjament pruvat li fil-fatt l-atturi sofrew d-danni reklamati.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u zewg liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm902.22) bl-imghax legali mit-8 ta' Marzu, 2004.
L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata

kontestwalment ma’ l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut."

L-appell tal-konvenut fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza hu limitat ghal dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal fehem hazin il-punt sollevat minnu, cjoe dak li, mill-provi prodotti, irrizulta kjarament illi sid il-vettura assigurata ma kienetx dik indikata fl-avviz;
(2) Id-danni reklamati ma kienux jirrelataw ma’ l-incident *de quo*, anke jekk hu ammetta l-fatt tal-htija ghall-akkadut;
(3) Ir-ricevuti esebiti ma jirriflettux is-somma mitluba fl-avviz;
(4) Ma kellux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza;

L-appellanti jibbaza l-ewwel aggravju tieghu fuq id-deduzzjoni illi mil-atti ma kienx jidher li sid il-vettura Numru ta’ registrazzjoni HSR 622 kienet il-persuna assikurata Maria Schembri indikata fl-avviz. Huwa jirpoza dan fuq ix-xhieda ta’ Helenia Schembri (fol. 17) u minn certi dokumenti esebiti a fol. 24 u 25 rapprezentanti l-kiri ta’ vettura. Abbazi ta’ din id-deposizzjoni u dokumenti din is-sottomissjoni tidher apparentement li hi valida. Meta mbaghad id-dokument esebit a fol. 51 palesament jistabilixxi li l-persuna assigurata hi positivament identifikata bhala Maria Schembri, ma jidherx, anke jekk l-appellanti jikkontesta l-esebizzjoni tieghu fl-istadju inoltrat tal-kawza, illi huwa lecitu li jkompli jinsisti fuq dan il-punt sollevat minnu. Dan l-ilment tieghu ma jistax allura jitqies gustifikat;

L-appellant ihossu aggravat ukoll in kwantu jikkontendi illi fl-incident mertu tal-kawza ma kienx hemm id-danni li jaghmlu bi prova r-ritratti esebiti (fol. 39 u 40). Fuq dan il-punt jibda biex jigi osservat illi l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt

illecitu. Ara "**Carmelo Bugeja -vs- Lorenzo Cassar**", Appell Civili, 1 ta' April 1966. Fi kliem iehor il-kriterju li jrid jigi applikat ghad-determinazzjoni tad-danni hu dak li huma rizarcibbli d-danni bhala konsegwenza diretta u immedjata tas-sinistru. Jinkombi ghalhekk fuq id-danneggjat li jaghti prova ta' l-ezistenza u ta' l-entita` effettiva tad-danni;

Issa f' dan il-kaz jirrizulta, kemm mir-ritratti esebiti, kif ukoll mis-*survey report* u x-xhieda tas-*surveyor* John Callus (fol. 34), identifikazzjoni pjuttost cara tan-natura tal-hsarat subiti fil-vettura u fejn dawn kienu lokalizzati. Naturalment quddiem dawn il-fatti posittivi, u manifestament ipprovati, mhux mistenni u m' ghandux lanqas jigi pretiz li t-Tribunal adit, u issa din il-Qorti, joqoghdu fuq is-semplici dikjarazzjoni ta' l-appellanti illi huwa ma kien osserva ebda ghafsiet fuq il-vettura milquta minnu ghax, skond hu, "missejtilha l-*bumper* biss". Din mhix merament kwestjoni ta' kredibilita` izda gjaladarba hu deherlu li kellu jikkontrapponi b' difiza li dik l-istess vettura kienet involuta f' zewg habtiet, kien jinkombi fuqu, bhala l-persuna li allegat fatt pozittiv kuntrarju, illi ggib prova sodisfacenti u konklussiva in sostenn ta' dik l-allegazzjoni. Dan ghaliex *reus excipiendo fit actor* u allura, il-fatt minnu alllegat, li jikkostitwixxi l-kontroprova minnu offerta, ghandu jigi pruvat minnu. F' dan il-kaz l-appellant din il-kontroprova baqa' ma ghamilhiex u dan igib biex l-ilment tieghu in materja ma jisthoqqlu ebda akkoljiment;

Aggravju ulterjuri ta' l-appellant hu maghmul jikkonsisti fis-sens illi d-danni pretizi ma gewx sorretti. Skond hu, fir-ricevuti jirrizultaw ammonti ripetuti;

F' dan il-kuntest irid qabel xejn jinghad illi d-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi ispirata ghar-regoli uniformi in tema ta' responsabilita` kontrattwali jew extra-kontrattwali. Dan b' riferiment ghad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Civili. Ara b' mod specjali Artikoli 1033, 1045, 1133 u 1135. Minnhom

johrog illi l-funzjoni primarju ta’ l-obbligu tar-rizarciment hi l-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-re-integrazzjoni tal-patrimonju tal-persuna danneggjata. Jinsab a propozitu affermat illi domanda ghar-rizarciment tad-danni subiti minn vettura f’ incident stradali hi konsiderata bhala rikjesta ghar-rizarciment in forma specifika. Li jfisser fil-prattika illi ghandha bhala oggett il-likwidazzjoni tas-somma dovuta, kalkolabbli fuq il-kost okkorrenti ghat-tiswija;

Dan premess, mill-elementi kollha ta’ prova ghall-iskop ta’ l-ammont tad-danni, ma jidherx f’ dan il-kaz li s-socjeta` assiguratrici appellata ma gabetx bi provi c-cirkustanzi kollha intizi biex jorjentaw lit-Tribunal fuq il-kwantum tad-dannu. Huwa veru illi jekk wiehed joqghod biss fuq ir-ricevuti l-ezattezza tad-danni titqies forsi deficjenti. B’ danakollu huwa car illi l-ammont domandat fl-avviz huwa nferjuri ghall-addizzjoni tas-somom li jaghmlu r-ricevuti minn fol. 25 sa fol. 29. Minn dan il-lat din il-Qorti hi sodisfatta li d-danni emergenti mill-incident jikkorrispondi ghat-telf subit. Anke dan l-ilment allura qed jigi skartat;

Finalment l-appellanti jgib bl-ahhar aggravju illi t-Tribunal ma messux akkollalu l-ispejjez gudizzjarji kollha. Dan in bazi ghall-argoment illi hu ammetta mill-ewwel il-htija tieghu ghall-incident. Dwar dan ikollu jinghad illi kull ma ghamel it-Tribunal kien li jsegwi b’ applikazzjoni n-norma stabblita fl-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Procedura li proprju fl-ewwel subinciz tieghu jiddisponi li “kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez”. Anke dan l-aggravju ma jisthoqqlu ebda adezjoni. Mill-bqija din il-Qorti taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni kontenuti fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tichad l-appell u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------